# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 42**

**Rikors numru 373/08/1 GM**

**Joanna Hili**

**v.**

**John Martin, Derek Lee D'Amato u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010 ġew kjamati in kawża Lee Martin, Emanuel Theuma u Jurgen Debattista**

**PRELIMINARI:**

1. L-attriċi tallega li sofriet danni personali, permanenti u psikoloġiċi, wara li l-konvenut John Martin ġibed, bla ma kienet taf, filmat li juriha f'attivita` sesswali miegħu, u dan meta kienet għadha minorenni, liema filmat allegatament ġie riprodott fuq diversi DVDs li mbagħad ġew ġirati minn ħanut.

2. Fir-rikors ġuramentat tagħha **l-attriċi Joanna Hili** għamlet is-segwenti talbiet:

"i) Tiddikjara illi a kawza ta' l-aġir tal-konvenuti l-attriċi sofriet danni ta natura personali permanenti u psikoloġiċi;

ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

iii) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti inġunti in subizzjoni."

3. Fir-risposta ġuramentata tiegħu **l-konvenut John Martin** eċċepixxa s-segwenti:

"1. Preliminarjament illi l-azzjoni attriċi hija nulla ai termini tal-Artikolu 156(1)(a) Kap 12 in kwantu illi la tikkontjeni d-dikjarazzjoni hemmhekk rikjesta u wisq anqas ma l-attriċi iddikjarat liema "*fatti hija taf bihom personalment*".

2. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, illi l-azzjoni attriċi hija insostenibbli in kwantu illi l-attriċi ma tistax titlob ħlas għal danni psikoloġiċi kif u għall-mod kif minnha hawnhekk riklamat.

3. Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-attriċi trid qabel xejn tipprova illi l-kundizzjoni medika li tallega li ssofri minnha hija riżultat dirett ta' dak li qed tallega fuq l-esponenti, u trid ukoll tipprova dak li qed tallega fuq l-istess esponenti, in kwantu illi fil-mertu t-talba attriċi qed tiġi kkontestata.

4. Fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju, illi l-esponent ma kien b'ebda mod parteċipi fid-distribuzzjoni ta' filmati, u għaldaqstant, jekk kellu jirriżulta lill-Qorti illi r-rikorrenti sofriet xi danni riżultat ta' tali ċirkolazzjoni, għal dan ma għandu ebda ħtija il-mittent.

5. Salv risposti ulterjuri.

6. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."

4. Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-**konvenut Derek Lee D'Amato**

eċċepixxa s-segwenti:

"1. Fl-ewwel lok fir-rikors promotur ma hemm l-ebda talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' ta' l-esponent dwar l-akkadut.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost m'għandu ebda responsabilita' ċivili di fronte ta' l-attriċi ta' dak li ġara, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, peress li fost oħrajr iċ-ċirkolazzjoni ta' dan id-DVD ma kienx jiddependi minnu, u f'ebda ħin ma kien komparteċipi għalih.

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost Joanna Hili triq tipprova illi meta hi volontarjament kellha relazzjoni ma' John Martin, ma kinitx taf li fil-fatt kien qiegħed jittieħed dan il-video; altrimenti l-esponent zgur ma jistax jwieġeb għad-danni minnha sofferti. Tenut kont li ta' tnax-il sena diġa jidher li kien qed ikollha relazzjonijiet sesswali, huwa indikattiv wkoll, illi l-imsemmija ma kinitx estranea għal dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet.

4. Illi l-parteċipazzjoni ta' l-esponent kienet biss waħda miniminali, m'għandha x'taqsam xejn ma' l-atti mwettqa minn John Martin, il-konvenut l-ieħor; u l-anqas kien jaf min huma l-persuni li kien hemm fil-video, u ebda ħsieb ma kellu li jikkawża xi danni lil xi ħadd fil-kument ta' reġistrazzjoni, tant li l-anqas kien rah.

5. Illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi triq tipprova d-danni sofferti peress li huwa inkonċepibbli li d-danni li qed tirreklama permezz ta' l-azzjoni odjerna jistgħu jissussistu fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti minn ġurisprudenza lokali, u għalhekk anke f'dan ir-rigward, l-azzjoni ma tistax tkun sorretta.

6. Salvi risposti jew eċċezzjonijiet oħra."

7. **Fit-30 ta' Settembru 2010 ġew imsejħin fil-kawża <u>Lee Martin</u>, <u>Emanuel Theuma</u>, u <u>Jurgen Debattista</u>.**

8. Fir-risposta ġuramentata tiegħu **<u>l-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista</u>** eċċepixxa illi:

"1. M'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma l-attriċi u ċertament ma huwiex il-leġittimu kontradittur fil-konfront tat-talbiet minnha avvanzati.

2. L-azzjoni attriċi hi ukoll preskritta fil-konfront tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Id-danni hekk pretiżi mill-attriċi huma tax-xorta morali u għal dawn il-liġi tagħna ma tipprovdiex riżarċiment.

4. F'kull każ l-eċċipjenti ma huwiex responsabbli għad-danni allegatament subiti mill-attriċi.

9. Fir-risposta ġuramentata tiegħu **l-kjamat fil-kawża Lee Martin** eċċepixxa illi:

"1. Preliminarjament l-attrici trid tindika fuq liema artiklu tal-ligi hi qed tibbaża l-kawża tagħha.

2. L-attrici trid tindika d-data ta' meta allegatament sehh dak indikat minnha fir-rikors guramentat tagħha.

3. L-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront tieghu u dan ai termini tal-artiklu 2154 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawża.

5. It-talbiet fil-konfront tiegħu għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fi dritt hekk kif ser jirriżulta waqt il-kawża.

6. Mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-attriċi.

7. Qatt ma kellu relazzjonijiet intimi mal-attrici u qatt ma kkawza ebda danni lilha b'xi aġir tiegħu.

8. M'għandux ibati l-ebda spejjeż tal-kawża odjerna."

10. Permezz ta' sentenza mogħtija minnha fit-12 ta' Jannar 2021 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u tal-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma kif isegwi:

"**1. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont Art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili taż-żewġ kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin u għalhekk tiċħad it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tagħhom.**

**2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u kjamat in kawża l-ieħor in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza.**

3. **Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi a kawza ta' l-aġir tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma l-attriċi sofriet danni ta natura personali permanenti u psikoloġiċi.**

4. **Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, fis-somma ta' €32,656.51.**

5. **Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma in solidum bejniethom iħallsu is-somma hekk likwidata.**

**Bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma inklużi, fiċ-ċirkostanzi, dawk tal-kjamati in kawża l-oħrajn Jurgen Debattista u Lee Martin.**"

11. Minn tali sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ġew interposti s-segwenti appelli:

(1) **APPELL PRINĊIPALI tal-konvenut Derek Lee D'Amato** li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata;

(2) **APPELL INĊIDENTALI ta' Joanna Hili** li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fit-totalita` tagħha għajr għall-parti fejn illikwidat id-danni fl-ammont ta' €32,636.51 u minflok tillikwidahom f'somma akbar abbażi ta' persentaġġ ta' 30%; bl-ispejjeż kontra l-appellant;

(3) **APPELL INĊIDENTALI tal-konvenut John Martin** li permezz

tiegħu talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi:

(i) Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-kjamat in kawża Jurgen Debattista u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat in kawża Lee Martin; u

(ii) Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-esponent appellant; u konsegwentement:

(iii) Tħassar il-parti tat-tielet kap tas-sentenza fuq indikata fejn ġie dikjarat li l-attriċi sofriet danni ta' natura personali, permanenti u psikoloġiċi bħala konsegwenza tal-aġir tal-esponent;

(iv) Tħassar il-parti tal-ħames kap tas-sentenza fuq indikata fejn ġie kkundannat l-esponent biex *in solidum* mal-intimat Derek Lee D'Amato u l-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma jħallas id-danni likwidati mill-imsemmija Onorabbli Prim' Awla fir-raba' kap tal-istess sentenza;

(v) Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ddeterminat mill-Onorabbli Qorti fl-Ewwel Istanza illi l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi mill-attriċi Joanna Hili u mill-kjamati in kawża appellati

Jurgen Debattista u Lee Martin għandhom jitħallsu mill-esponent.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Derek Lee D'Amato u l-kjamati in kawża Lee Martin, Jurgen Debattista u Emanuel Theuma.

12. Din il-Qorti qegħda telenka kronoloġikament it-tlett appelli u d-diversi risposti relattivi għalihom (total ta' ħdax-il (11) risposta):

**APPELL PRINĊIPALI tal-konvenut Derek Lee D'Amato (20.01.2021):**

13. L-aggravji tal-konvenut Derek Lee D'Amato, huma s-segwenti:

(i) Preskrizzjoni u solidarjeta`:

Fl-ewwel lok jargumenta li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tiegħu u ta' John Martin kellha tiswa biex tinterrompi wkoll il-preskrizzjoni fil-konfront tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u ta' Lee Martin.

(ii) Grad ta' responsabbilta` :

Fit-tieni lok jargumenta li r-responsabbilta` għall-għemil kellha tiġi apporzjonata. Jenfasizza li s-sehem tiegħu kien jinvolvi ikkupjar diżinteressat ta' filmat bħala parti mix-xogħol li kien

joffri mill-ħanut tal-kompjuters li kellu dak iż-żmien.

(iii) Kontribuzzjoni tal-attriċi:

Fit-tielet lok isostni li l-attriċi ma kellha l-ebda inibizzjonijiet biex ikollha x'taqsam sesswalment ma' John Martin, u li ma ppruvatx li ma kinitx taf li qed jittieħed filmat.

(iv) Danni morali:

Fir-raba' lok isostni li d-danni psikoloġiċi huma danni li l-liġi nostrana ma kinitx tipprovdi għalilhom dak iż-żmien.

(v) Portata tas-sentenza kriminali:

Finalment jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti qieset li ladarba kien hemm ammissjoni ta' ħtija fil-proċeduri kriminali kellhom iservu biex huwa prattikament ma jkunx jista' jikkontesta r-responsabbilta` tiegħu f'sens ċivili. Jenfasizza d-differenza bejn il-kamp kriminali u dak ċivili.

**(22.02.2021) Risposta tal-attriċi Joanna Hili għall-appell prinċipali tal-konvenut Derek Lee D'Amato u APPELL INĊIDENTALI tal-istess attriċi:**

14. L-attriċi wieġbet għall-aggravji tal-konvenut Derek Lee D'Amato u

interponiet appell inċidentali.

15. L-appell inċidentali bażikament jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti addottat ir-rapport tal-periti perizjuri (fejn waslu għal rata ta' diżabilita` ta' 6%) u skartaw dak tal-ewwel espert mediku (fejn wasal għal rata ta' 30%). Issostni li l-ewwel perit għamel analiżi iktar profonda u eżawrijenti għall-qagħda mentali u psikoloġika tagħha u ssostni li <u>għandha tiġi abbraċċjata l-konklużjoni tiegħu, ċioe` fejn stabbilixxa rata ta' diżabilita` ta' 30%.</u>

**<u>(23.02.2021) Risposta tal-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista għall-appell tal-konvenut Derek Lee D'Amato:</u>**

16. Il-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-ewwel aggravju tal-konvenut Derek Lee D'Amato dwar is-solidarjeta` tal-preskrizzjoni għandu jiġi miċħud.

**<u>(02.03.2021) Risposta tal-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista għall-appell inċidentali tal-attriċi Joanna Hili:</u>**

17. Il-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista, bla preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu li l-azzjoni attriċi hija preskritta fil-konfront tiegħu, wieġeb biex jgħid għaliex l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud. Huwa mhux biss jgħid li l-argumenti li abbażi tagħhom qed titlob li tiġi addottata

r-rata ta' 30% huma nfondati, iżda jenfasizza li l-liġi kif kienet dak iż-żmien lanqas biss kienet tikkontempla danni morali.

**<u>(22.03.2021) Risposta tal-konvenut Derek Lee D'Amato għall-appell inċidentali tal-attriċi Joanna Hili:</u>**

18. Il-konvenut Derek Lee D'Amato wieġeb biex jgħid li m'hemmx raġuni biex ir-relazzjoni tal-periti perizjuri (li waslu għal rata ta' diżabilita` ta' 6%) tiġi skartata. Kwantu għall-ispejjeż tal-appell inċidentali, ma jaqbilx li dawn għandhom ikunu a karigu tiegħu biss f'każ li l-appell tagħha jintlaqa'. Għalhekk salv dak li ntqal fl-appell prinċipali tiegħu, isostni li s-sentenza għandha tiġi konfermata.

**<u>(08.04.2021) Risposta tal-appell tal-konvenut John Martin għall-appell prinċipali tal-konvenut Derek Lee D'Amato u APPELL INĊIDENTALI tal-istess John Martin:</u>**

19. Il-konvenut John Martin wieġeb biex jgħid li jinsab fi qbil mal-kontenut tal-aggravji tal-konvenut l-ieħor Derek Lee D'Amato, ħlief għal dak dwar il-grad ta' responsabbilta`. Huwa jikkontesta li l-parteċipazzjoni ta' Derek Lee D'Amato (li kien jiggestixxi l-ħanut tad-DVDs) kienet minima.

20. L-aggravji ta' John Martin huma s-segwenti:

(i) Responsabilita` u solidarjeta`:

(a) Fl-ewwel lok jilmenta li bil-fatt li l-ewwel Qorti straħet fuq il-fatt li fil-proċeduri kriminali l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża rreġistraw ammissjoni jgħid li b'daqshekk ma kinitx eżonerata milli twettaq evalwazzjoni komprensiva tal-provi. Naqset milli twettaq apprezzament sħiħ tal-fatti kollha li fuqhom tippernja l-vertenza.

(b) Mingħajr preġudizzju jgħid li anke kieku kellha tikkonkludi li l-konvenuti u kjamati fil-kawża kienu kollha parteċipi fil-fatt li wassal biex l-attriċi ssofri danni, ma kellhiex tieqaf hemm iżda kellha tidentifika l-grad ta' parteċipazzjoni (u allura responsabbilta`) attribwibbli rispettivament lill-istess konvenuti/kjamati fil-kawża.

(ii) Applikazzjoni skorretta tal-liġi (preskrizzjoni):

Fit-tieni lok jilmenta li l-ewwel Qorti applikat skorrettement il-liġi relattiva għall-preskrizzjoni meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari imressqa mill-kjamati in kawża Jurgen Debattista u Lee Martin. Jargumenta li una volta li l-ewwel Qorti qieset li tissussisti solidarjeta` bejn il-konventi u l-kjamati

fil-kawża, il-partijiet kollha kellhom jerfgħu r-responsabbilta`. Isostni li l-ewwel Qorti kellha tiċħad l-eċċezzjoni preliminari mressqa rispettivament mill-kjamati in kawża Jurgen Debattista u Lee Martin, u żżommhom responsabbli għall-aġir minnhom imwettaq.

(iii) Spejjeż ġudizzjarji:

Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti kkundannatu flimkien mal-konvenut l-ieħor Derek Lee D'Amato u l-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma, biex iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha, inkluż tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin. Isostni li anke jekk tiġi kkonfermata d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' Jurgen Debattista u Lee Martin tiġi milqugħa, m'għandux isegwi li l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi mill-istess kjamati fil-kawża għandhom jerfgħuhom hu, Derek Lee D'Amato u Emanuel Theuma.

**(08.04.2021) Risposta tal-appell tal-konvenut John Martin għall-appell inċidentali tal-attriċi Joanna Hili:**

21. Il-konvenut John Martin wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell inċidentali tal-attriċi Joanna Hili għandu jiġi miċħud, u dan

bla preġudizzju għall-appell inċidentali li huwa ppreżenta kontestwalment.

**(22.04.2021) Risposta tal-konvenut Derek Lee D'Amato għall-appell inċidentali tal-konvenut John Martin:**

22. Il-konvenut Derek Lee D'Amato wieġeb biex jgħid li jaqbel mat-tieni u t-tielet aggravji tal-konvenut John Martin, iżda dwar l-ewwel aggravju jenfasizza li l-istess John Martin kien ben konxju li qed jinġibed il-filmat in kwistjoni. Għalhekk salv dak li ntqal minnu fl-appell prinċipali tiegħu stess, u salv dak li ssottometta dwar l-ewwel aggravju ta' John Martin, jaqbel li t-tieni u t-tielet aggravji ta' John Martin għandhom jintlaqgħu.

**(27.04.2021) Risposta tal-kjamat in kawża Lee Martin għall-appell inċidentali ta' Joanna Hili:**

23. Il-kjamat in kawża Lee Martin wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell inċidentali ta' Joanna Hili għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontriha.

**(04.05.2021) Risposta tal-kjamat in kawża Jurgen Debattista għall-appell inċidentali ta' John Martin:**

24. Il-kjamat in kawża Jurgen Debattista wieġeb biex jirrispondi għall-aggravji ta' John Martin. Dwar l-ewwel aggravju qal li m'għandux xi jgħid.

Dwar it-tnejn l-oħra qal li ma jaqbilx u dan għar-raġunijiet ġia ndikati minnu fir-risposta tiegħu għall-appell tal-konvenut Derek Lee D'Amato. Għalhekk isostni li tali aggravji għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra John Martin.

**<u>(11.06.2021) Risposta tal-kjamat in kawża Lee Martin għall-appell prinċipali ta' Derek Lee D'Amato:</u>**

25. Il-kjamat in kawża Lee Martin wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-aggravji fl-appell tal-konvenut Derek Lee D'Amato li jolqtuh għandhom jiġu miċħuda. Isostni li dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tiegħu tal-preskrizzjoni hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**<u>(04.11.2021) Risposta tal-kjamat in kawża Lee Martin għall-appell inċidentali ta' John Martin:</u>**

26. Il-kjamat in kawża Lee Martin wieġeb biex jgħid għaliex l-aggravji li jolqtu lilu fl-appell inċidentali tal-konvenut John Martin għandhom jiġu miċħuda. Għall-bqija jirrimetti ruħu; bl-ispejjeż kollha nklużi dawk tar-risposta.

**<u>L-attriċi Joanna Hili ma weġbitx għall-appell inċidentali tal-konvenut</u>**

**John Martin:**

27. Din il-Qorti tosserva li minkejja li l-attriċi Joanna Hili ġiet debitament notifikata bl-appell inċidentali tal-konvenut John Martin fil-15 ta' April 2022, baqgħet ma ppreżentatx ir-risposta relattiva tagħha.

**IN-NOTIFIKA (O MENO) TAL-KJAMAT IN KAWŻA EMANUEL THEUMA:**

**Rikors tal-15 ta' Ġunju 2021:**

28. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri tal-appell, fil-15 ta' Ġunju 2021, il-kjamat in kawża Emanuel Theuma ppreżenta rikors fejn talab lill-Qorti tordna li jiġi notifikat biċ-ċitazzjoni (jew aħjar rikors ġuramentat) tal-attriċi peress li sostna li qatt ma kien ġie notifikat bil-kawża. Ir-rikors jaqra hekk:

> *"Illi huwa ġie nnotifikat permezz ta' affissjoni b'risposta t'appell u appell inċidentali ta' Joanna Hili u b'appell tal-konvenut Derek Lee D'Amato.*
>
> *Illi l-esponent jissottometti s-segwenti:*
>
> *A) Illi mill-istess atti li huwa rċieva jidher li huwa ġie kjamat in kawża biss fit-30 ta' Settembru 2020 (**recte: 2010**). Illi pero` il-mittenti itenni li huwa qatt ma ġie notifikat diment li l-proċeduri kienu għadhom qed jinstemgħu quddiem il-prim' istanza.*
>
> *B) Illi umbagħad, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ddeċidiet il-kawża fit-12 ta' Jannar 2021 fejn l-esponent ġie kkundannat iħallas in solidum ma' John Martin u Derek Lee D'Amato, is-somma ta' €32,656.51; u*
>
> *C) Illi finalment l-esponent ġie notifikat biss bl-atti su imsemmija biss da riċent u fis-sede ta' l-appell.*

*Illi l-inċident de quo jirrisali għas-sena 2006 u minħabba dan, per konsegwenza, se mai l-azzjoni fil-konfront tiegħu hija llum preskritta.*

*Illi huwa għadu sa llum mhux notifikat bl-atti taċ-ċitazzjoni u għalhekk m'huwiex f' pożizzjoni li jintavola r-risposta għall-appell u appell inċidentali.*

*Konsegwentement minħabba da kkollu l-esponent ġie ppreġudikat għax ma kellux il-fakolta` li jtella' l-provi u jiddefendi ruħu fil-prim' istanza, u minħabba fil-premess is-sentenza fl-ismijiet premessi, hi nulla u bla effett, almenu u in pessima ipotesi fil-konfront tiegħu.*

*Illi huwa qed iġib da kollu a konjizzjoni formali ta' din il-qorti.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din il-Qorti jogħġobha okkorrendo jidhrilha opportun, tordna lill-esponent jiġi notifikat bl-att ta' ċitazzjoni sabiex hu jkun jista' jippreżenta ir-risposta formali tiegħu."*

29. <u>Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021 din il-Qorti ċaħdet it-talba:</u>

*"…il-qorti tqis li t-talba hija irrita proċeduralment billi fi stadju tal-appell ma tistax tintalab notifika mill-ġdid ta' att promutur, għar-raġuni msemmija mill-istess rikorrent."*

**<u>Rikors tat-18 ta' Jannar 2022:</u>**

30. Il-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma mbagħad ippreżenta rikors ieħor fit-<u>18 ta' Jannar 2022</u> fejn talab lil din il-Qorti tirrimanda l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex jiġi determinat jekk il-fatt li ma ġiex notifikat bl-atti, u dan nonostante il-proċeduri segwew xorta, jilledix id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Ir-rikors jaqra hekk:

*"Illi l-esponent qed jiġi notifikat bl-appell u r-risposti tal-appell fl-ismijiet premessi.*

*Illi dawn huma l-ewwel żewġ atti li qatt irċieva rigwardanti l-kawża. Huwa qatt ma ġie notifikat bir-rikors ġuramentat jew xi att ieħor waqt li din il-kawża kienet pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Fil-fatt huwa ma kienx jaf bl-eżistenza ta' dawn il-proċeduri sakemm irċieva l-appell f' dawn l-aħħar xhur. Huwa lest jikkonferma dan kollu bil-ġurament. Mill-atti qed jirriżulta dan nonostante li huwa ġie kkundannat iħallas somma flus in solidum mal-konvenuti l-oħra.*

*Illi stante li dawn il-proċeduri huma pendenti fl-appell huwa m'għandu l-ebda mezz disponibbli għalih kif jista' jikkontesta dawn il-proċeduri. In effetti r-rikors tiegħu preċedenti ġie miċħud.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, anke a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tirrimandi l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex jiġi determinat jekk il-fatt li l-esponent ma ġiex notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri u dan nonostante il-proċeduri ippresegwew xorta waħda jilledix id-dritt fundamentali tiegħu tas-smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

31. Għal dan ir-rikors wieġbet <u>Joanna Hili</u> (09.02.2022) fejn sostniet li Emanuel Theuma kien fil-fatt ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, u ppreżentat estratt mis-sit elettroniku tal-*ecourts* li juri li saret l-affissjoni (Att Nru 1834/11/2010). Wieġeb ukoll il-kjamat fil-kawża <u>Jurgen Debattista</u> (18.02.2022) li qal li mis-sit elettroniku tal-qorti (*ecourts)* jirriżulta li l-atti tar-rikors ġuramentat ġew notifikati lil Theuma permezz ta' affissjoni (u ppreżenta *cash reference number*, fir-rigward tal-affissjoni, Att Nru 1834/11/2010) u spjega li ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel indaġni, fil-ħin mogħti, tal-pubblikazzjonijiet fuq il-Gazzetta tal-Gvern peress li l-arkivju tal-Avviżi tal-Qorti fuq is-sit elettroniku tad-DOI jirrisali sas-sena 2012 u mhux iktar lura. Qal li m'għandu l-ebda kopja tal-

pubblikazzjoni li setgħet saret f'gazzetta jew gazzetti lokali anke għaliex il-kjamata fil-kawża ta' Emanuel Theuma ntalab minn Derek Lee D'Amato. Wieġeb ukoll il-konvenut Derek Lee D'Amato (21.02.2022) fejn qal li mill-*ecourts* jirriżulta li Theuma fil-fatt kien ġie notifikat b'mod normali b'rikors, u ppreżenta estratt mill-istess *ecourts* fir-rigward (Att Nru 1165/11/2010).

**32. Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza "*inkluż jekk ikun il-każ provvediment fuq ir-rikors ta' Emanuel Theuma".***

33. Din il-Qorti qieset il-fuq imsemmija estratti mill-*ecourts* li ġew ippreżentati mill-attriċi, mill-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista, u mill-konvenut Derek Lee D'Amato rispettivament. Filwaqt li huwa minnu li jirriżulta li l-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma ġie notifikat bir-rikors ġuramentat bil-proċedura tal-affissjoni, ma hemm xejn fl-atti li jindika li ġie wkoll notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni. U għalkemm mill-*ecourts* jirriżulta li Emanuel Theuma effettivament ġie notifikat b'xi att (1165/11/2010) dan ma jidhirx li kien ir-rikors ġuramentat (1834/11/2010).

34. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-proċess kif rikostruwit, iżda mill-kontenut tiegħu ma setgħetx tasal biex tistabbilixxi jekk Emanuel Theuma kienx effettivament ġie notifikat bir-rikors ġuramentat jew le. Biex in-

notifika bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni tista' titqies kompluta hemm bżonn prova mhux biss tal-affissjoni iżda wkoll tal-pubblikazzjoni. Fil-proċess kif rikostruwit ma jinsabu l-ebda kopji ta' estratti minn gazzetti, jew ta' riċevuti tal-pubblikazzjonijiet relattivi; u minkejja li din il-Qorti eżaminat il-verbali tal-ewwel qorti u tal-assistent ġudizzjarju ma hemm xejn fihom li jista' jitfa' xi dawl fuq din il-kwistjoni.  Jiġi osservat li minn meta Theuma ppreżenta l-ewwel rikors tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2021 fejn informa lil din il-Qorti għall-ewwel darba li ma kienx ġie notifikat bir-rikors ġuramentat, sakemm il-kawża ġiet differita għas-sentenza fil-15 ta' Marzu 2022, ħadd mill-partijiet ma ressaq xi prova li turi li d-debiti pubblikazzjonijiet kienu effettivament saru skont il-liġi.  Fl-assenza ta' tali prova din il-Qorti **ma tistax tassumi** li l-pubblikazzjonijiet saru u li Theuma kien ġie notifikat bil-kawża skont il-liġi.

35. **<u>Fiċ-ċirkostanzi, sabiex jiġi assigurat li l-istess Emanuel Theuma ma jkunx sofra ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, din il-Qorti jidhrilha li għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk ser tipprovdi f'dan is-sens fis-sentenza.  Għaldaqstant b'konsegwenza qegħda tiċħad ir-rikors tiegħu tat-18 ta' Jannar 2022.</u>**

L-ispejjeż konnessi mal-imsejjaħ fil-kawża għandu pero` jbatihom min sejħu fil-kawża, ċioe` Derek-Lee D'Amato stante li l-istess Theuma qed jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju billi r-responsabilita` biex jara li ssir

in-notifika kif imiss ta' Theuma kellu jerfagħha l-istess D'Amato.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

36. Din il-Qorti ser tqis id-diversi aggravji relattivi għall-appell prinċipali tal-konvenut Derek Lee D'Amato, għall-appell inċidentali tal-attriċi Joanne Hili, u għall-appell inċidentali tal-konvenut John Martin, bil-mod li jidhrilha huwa l-iktar opportun, mhux fl-ordni li tressqu mit-tliet appellanti.

**(1) Prova dwar ir-responsabbilta`:**

*Il-ħames aggravju tal-konvenut Derek Lee D'Amato u l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-konvenut John Martin:*

37. L-ewwel Qorti qieset li mill-ammissjonijiet rispettivi tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawża in sede penali, u mis-sentenzi sussegwenti esebiti fil-proċess, jirriżulta li l-istess konvenuti u kjamati fil-kawża ***"kienu kompliċi fl-iffilmjar tal-attriċi f'attivita` sesswali meta kienet għadha minorenni u fid-distribuzzjoni tal-film lil terzi***". L-ewwel Qorti skartat l-argument li l-ammissjonijiet saru għall-fini ta' patteġġjament u rriteniet li l-ammissjoni volontarja li toħroġ minn ħalq il-konvenut dejjem tqieset bħala r-reġina tal-provi li tiddispensa lill-Qorti milli tfittex provi oħra. Irriteniet li jkun eżerċizzju mill-iktar ċiniku li tinjora tali ammissjonijiet magħmulin deliberatament fil-proċeduri kriminali, u li għall-istess raġuni l-ebda wieħed mill-konvenuti u kjamati fil-kawża ma jista' validament

jasserixxi li m’hemmx ness bejn dak li għamel u l-ħsara li ġarrbet l-attriċi.

38. Kemm il-konvenut Derek Lee D’Amato (fil-ħames aggravju tiegħu) kif ukoll il-konvenut John Martin (fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu) ħassewhom aggravati b’din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti. It-tnejn li huma jikkontestaw li fil-fatt hemm ness bejn l-aġir tagħhom u d-danni allegatament sofferti mill-attriċi.

39. Il-konvenut Derek Lee D’Amato (sid tal-ħanut fejn saru kopji tal-filmat) jargumenta li s-sejbien ta’ ħtija f’proċeduri kriminali ma jwasslux awtomatikament għal sejbien ta’ ħtija f’proċeduri ċivili u f’dan ir-rigward jargumenta li ma kellux kontroll fuq il-ġbid tal-filmat jew fuq id-distribuzzjoni jew it-tixrid tiegħu; il-konvenut John Martin da parti tiegħu jsostni li ma kellu xejn x’jaqsam mal-ikkupjar u t-tixrid tal-filmat li fih hu stess kien parteċipi, u jenfasizza li kienet id-distribuzzjoni tal-filmat li effettivament wasslet biex l-attriċi ssofri d-danni allegati minnha.

40. Din il-Qorti tibda biex tqis li huwa prinċipju aċċettat mill-Qrati tagħna li ma hemm xejn ħazin li ġudikant f'proċess civili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi proċediment kriminali, u fil-fatt jingħad ukoll li fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti.(PA TM 07.07.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Caruana et v. Ministru tal-Ambjent et***

***noe***). F'kull każ, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha, partikolarment ix-xhieda tas-segwenti persuni:

- **L-attriċi Joanna Hili**

L-attriċi Joanna Hili xehdet li kienet toħroġ mal-konvenut John Martin għal xi erba' xhur u li wara xi żmien, cioe` fl-2006 kienu reġgħu ltaqgħu. Kienu ftehmu biex jiltaqgħu u kien mar għaliha bil-karozza. Xehdet li kien ħadha l-garaxx ta' missieru u kien qalilha diskors fis-sens li qatt ma kien insiha u li xtaq li jerġgħu joħorġu flimkien, u dakinhar stess kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien. Sostniet li "*fl-ebda ħin ma kont naf li kien hemm xi ħadd ieħor fil-garage.*" Qalet li l-għada qalilha biex ma tikkuntattjahx. Qalet li xi żmien wara ommha rċeviet ittra anonima bi kliem dispreġġjattiv fil-konfront tagħha, kif ukoll DVD; qalet li anke l-għarus tagħha rċieva kopja tad-DVD u ittra kollha kliem oxxen fuqha. Qalet li ommha ħadet id-DVD għand il-pulizija u li sussegwentement bagħtet għaliha l-Ispettur Louise Calleja "*u jiena rrilaxxajt stqarrija magħha fejn ammettejt dak li kelli x'naqsam sesswalment ma' John Martin iżda ċħadt li kont naf li qed niġi reġistrata.*" Spjegat li minn dakinhar ħajjitha nbidlet kompletament u spiċċat tirċievi kura psikjatrika u psikoloġika; qalet li tkeċċiet mix-xogħol għaliex saru jafu bid-DVD u li mhux l-ewwel darba li tkun għaddejja mill-Ħamrun tisma' min jgħid "*Ara dik tad-*

*DVD".* Stqarret li "*Din l-istorja għadni nhewden fuqha kuljum u għandi ngħid illi nħoss sens ta' mistħija kbira għal dak li ġara u nistħi nuri wiċċi mill-bieb il-barra."* Kontro-eżaminata fl-10 ta' April 2013 xehdet li ilha ħames snin f'relazzjoni u li għandha tarbija li ser tagħlaq 3 snin f'Settembru 2013. Fix-xhieda tagħha tas-7 ta' Ottubru 2016 in subizzjoni qalet li barra għand it-tabib (psikjatra) Dr Anthony Dimech tmur għand psikoloġista li taħdem fit-*team* mal-psikjatra. Qalet li qegħda taħdem bħala *cleaner* mal-Bad Boys u li għadha tgħix m'ommha u għadha mal-partner tagħha. Murija sett ritratti meħudin minn fuq il-Facebook *profile* tagħha, ikkonfermat li huma tagħha u li ttieħdu meta toħroġ mal-partner tagħha.

- **L-Ispettur Louise Calleja**

Fix-xhieda tagħha tat-12 ta' Marzu 2009 l-Ispettur Louise Calleja xehdet (*inter alia*) li kemm mid-domandi li saru lill-attriċi, u kif ukoll mill-filmat, *"jiena fl-ebda ħin ma dehrli li Joanna Hili kienet taf x' inhu jiġri. Jiena li nista' ngħid hu li Joanna Hili fl-ebda ħin ma kienet taf la li qed tiġi ffilmjata u ma kienet taf b'xejn."*

- **Il-konvenut John Martin**

Il-konvenut John Martin fl-affidavit tiegħu xehed li xi sentejn wara li

kien ħassar minn mal-attriċi reġa' kellu kuntatt magħha, dan fl-2006. Qal li kienu qed jibagħtu l-messaġġi u qalilha li xtaq jagħmel *video*. Qal li l-attriċi kienet qaltlu li hi wkoll xtaqet tagħmel *video* iżda ma xtaqitx tkun taf meta jkun qed jittieħed u li ma jkun hemm ħadd qed jiġbdu. Qal li kien ftiehem ma' sieħbu Jurgen Debattista "*illi aċċetta li joqgħod moħbi filwaqt illi jiġbed il-filmat bil-kamera.*" Qal li kien ftiehem biex jiltaqa' mal-attriċi u ħadha f'garaxx fejn kellu x'jaqsam magħha. Qal li kollox kien bil-kunsens tat-tnejn. Wara li wassalha d-dar "*kont erġajt mort lura l-garaxx sabiex niġbor lil Jurgen illi kien ġibed il-filmat bil-kamera.*" Qal li l-filmat kien rah mill-kamera stess u li l-*cassette* kien ħallih fil-kamera. Qal li ftit taż-żmien wara kien silef il-kamera lil kuġinuh Lee Martin u li meta rritornalu l-kamera kien għad hemm il-*cassette*. Xi jumejn wara ħabib tiegħu Renaldo kien qallu li xtara film "tal-Maltin" mingħand wieħed li jkun qed ibiegħ il-Ħamrun u għarfu. Qal li kien sorpriż għax il-*video* kien għamlu għalih biss. Qal li kien ċempel lil kuġinuh Lee Martin u dan ammetta li meta sab il-cassette fil-kamera li kien silfu kien mar il-ħanut ta' Derek Lee D'Amato u dawru għal fuq DVD. Qal li l-għada kien mar il-ħanut u qallu biex jgħaddilu dak kollu li kellu x'jaqsam mal-filmat. Qal li sar jaf li kopji kienu ngħaddew lil xi ħadd li jkun il-Ħamrun (li mingħandu kien xtara Renaldo) u li kopji kienu qegħdin jinbiegħu wkoll direttament mill-ħanut ta' Derek Lee D'Amato.

▪ **Il-konvenut Derek Lee D'Amato**

Il-konvenut Derek Lee D'Amato fil-5 ta' Ġunju 2012 xehed li fis-sena 2005/2006 kellu ħanut il-Ħamrun bi sħab ma' ieħor. Xehed li Lee Martin kien imur kemm-il darba l-ħanut tiegħu u li darba minnhom talbu biex jaqleb *video* għal DVD. Qal li ra biċċa minnu pero` n-nies ma kienx jaf min huma. Qal li Lee Martin ġie għalih u ħallsu u qallu "*dan jaħraq, dan biex immexxuh".* Spjega li l-"*mamma baqgħet għandu fil-ħanut*" u l-għada ġie għandu ċertu Emanuel Theuma li qallu li kien bagħtu Lee Martin u talbu erba' kopji. "*Ngħid li jiena għamiltlu dawn il-kopji li talabni*". Kompla jgħid li xi xahar wara kien mar għandu Lee Martin u John Martin u qalulu li kien qed iqassam dan id-DVD lin-nies peress li sabuh fil-ħwienet, u li kienu qed iħallsu l-flus biex jiġbru dan id-DVD mill-idejn. "*Ngħid li dan id-DVD jiena ma tajtu lil ħadd iktar ħlief lil Emanuel Theuma."* Fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Settembru 2012 mistoqsi kienx jaf jekk kienx hemm il-kunsens tan-nies involuti fil-*video*, jew tal-eta` tal-parteċipanti, wieġeb fin-negattiv. Qal li kulma qallu Lee Martin kien li fil-*video* kien hemm il-kuġin tiegħu. Fil-kontro-eżami tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2016 reġa' kkonferma li Lee Martin kien qallu li d-DVD kien qed jagħmlu biex imexxih u li qallu li kien jaħraq. Reġa' kkonferma li Emanuel Theuma kien qallu biex jagħtih erba' kopji u li kien bagħtu Lee Martin.

▪ **Il-kjamat fil-kawża Lee Martin**

Il-kjamat fil-kawża Lee Martin fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Frar 2016 xehed li "*kelli cassette, mort għand Derek Lee D'Amato u għidtlu biex jaqlibuli fuq DVD biex narah*". Qal li l-*cassette* kien tahulu l-konvenut John Martin sabiex jarah. Qal li John Martin kien qallu x'fih u kien staqsih riedx jarah. Qal li meta mar il-ħanut ta' Derek Lee D'Amato kien spjegalu x'fih il-*video* u li qallu biex ma jixgħelx it-television. Kompla jgħid li mbagħad xi erbat ijiem wara ċempillu kuġinuh John Martin u qallu li kien ra xi DVDs. Huwa ċaħad li lil Derek Lee D'Amato kien qallu li l-*video* kien jaħraq u li kien biex jitmexxa. Qal ukoll li lanqas jaf min hu Emanuel Theuma.

▪ **Il-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista**

Il-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista fl-affidavit tiegħu qal li l-konvenut John Martin "*kien sejjaħli darba minnhom u qalli biex niġbidlu film bil-camera tiegħu ma' tfajla li hija Joanna Hili. Dan kien f'garage f'Ħal Luqa snin ilu, u jien kont ma nidhirx.*" Qal li l-involviment tiegħu waqaf hemm.

41. Minn tali xhieda jirriżulta li l-konvenut John Martin u l-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista kienu ftehmu biex dan tal-aħħar jiġbed filmati ta'

John Martin f'attivita` sesswali mal-attriċi. Jirriżulta wkoll li l-attriċi fil-fatt kienet <u>għal kollox inkonsapevoli</u> tal-fatt li waqt li kienet qegħda f'attivita` sesswali ma' John Martin fil-garaxx kien hemm Jurgen Debattista mistoħbi jirreġistra kollox fuq il-kamera. Il-verżjoni ta' John Martin li kien ħalla l-*cassette* fil-kamera u li xi jiem wara meta silef il-kamera lil kuġinuh Lee Martin kien għad hemm il-cassette "imwaħħal" fih, bħal donnu kien insih fil-kamera meta silifhielu, hija għal kollox inverosimili. Fil-fatt fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija qal li kien qal lil kuġinuh Lee Martin li kien ġibed "*blue film*" u li dan tal-aħħar iffittah biex jarah. Skont Lee Martin kien il-konvenut John Martin stess li qallu bih u staqsih riedx jarah. Ovvjament kienet x'kienet ir-raġuni għaliex għadda l-*cassette* lil kuġinuh (jekk hux biex jarah biss jew biex jagħmel kopji tiegħu) huwa rrilevanti għaliex fil-mument li John Martin għadda l-filmat lil kuġinuh huwa ma kellux kontroll fuq x'seta' jiġri minnu. Il-verżjoni ta' Lee Martin li kien ħa l-*cassette* l-ħanut ta' Derek Lee D'Amato biex jaqilbu DVD sabiex ikun jista' jarah ukoll ma hi verosimili xejn. Huwa bil-wisq evidenti li Lee Martin ħadu biex jinqaleb fuq DVD sabiex ikunu jistgħu isiru iktar kopji tiegħu. (Fil-fatt li kieku ried jarah biss ma kellux għalfejn jaqilbu DVD, għaliex il-konvenut John Martin kien xehed li dakinhar li Debattista rreġistra lilu u lill-attriċi fil-garaxx huwa ra l-filmat minn fuq il-kamera stess.) F'dan l-istadju mbagħad daħal fix-xena Derek Lee D'Amato, li wieħed mis-servizzi li kien joffri mill-ħanut tiegħu kien proprju li jaqleb *videos* minn fuq *cassettes* għal fuq DVDs. Huwa pero` kien jaf x'fih il-filmat għaliex hu stess qal li ra biċċa

minnu, kien ovvju miċ-ċirkostanzi li kien miġbud lokalment, u kien jaf (għax skont hu hekk qallu Lee Martin) li kien hemm l-intenzjoni li jitmexxa; dan kollu pero` ma żammux milli skontu jagħmel kopji u jgħaddihom lil Emanuel Theuma meta dan tfaċċa fil-ħanut tiegħu u talabhomlu.

42. Minn dan kollu jsegwi li r-reġistrazzjoni tal-attivita` sesswali u l-ġirar tal-kopji tal-filmat seħħ bil-parteċipazzjoni ta' kull wieħed mill-konvenuti u tal-kjamati fil-kawża li għadhom parti f'din il-kawza, u li kull wieħed minnhom kien ben konxju tal-fatt li l-aġir partikolari tiegħu kien ser (jew seta') jikkaġuna preġudizzju kbir lil ħaddieħor, anke jekk mhux kollha kienu jafu lill-attriċi. Kull wieħed minnhom: **John Martin** – **Jurgen Debattista** – **Lee Martin** – **Derek Lee D'Amato** – fil-fatt kien bħal ħolqa f'katina li wasslet biex dak li għall-attriċi kien mument privat ta' intimita` bejnha u bejn il-konvenut John Martin spiċċa "*blue film*" b'kopji mxerrdin lokalment, bil-konsegwenza li l-attriċi spiċċat qisha qegħda tgħix f'ħolma kerha. Għalhekk kienu l-azzjonijiet partikolari ta' kull wieħed minnhom (kif anke ammessi minn kull wieħed minnhom fil-proċeduri kriminali) li konġuntivament ikkaġunaw il-ħsara lamentata mill-attriċi f'dawn il-proċeduri ċivili.

43. Għaldaqstant huma kompletament infondati l-aggravji ta' Derek Lee D'Amato u ta' John Martin fis-sens li m'hemmx ness bejn l-aġir partikolari tagħhom u d-danni sofferti mill-attriċi.

**(2) <u>Il-grad tar-responsabbilta`:</u>**

*It-tieni aggravju tal-konvenut Derek Lee D'Amato u t-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-konvenut John Martin:*

44. Kemm il-konvenut <u>Derek Lee D'Amato</u> (fl-ewwel aggravju tiegħu) kif ukoll il-konvenut <u>John Martin</u> (fit-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu) jargumentaw li anke kieku kellu jirriżulta lill-ewwel Qorti li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża kienu fil-fatt kollha responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi, kellha tiddistingwi bejn il-grad ta' parteċipazzjoni, u allura konsegwentement tapporzjona r-responsabbilta` skont il-grad.

45. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Għalkemm il-konvenuti u l-kjamati fil-kawża kienu komparteċipi b'modi differenti, qajla jista' jingħad li l-parteċipazzjoni individwali ta' wieħed kienet inqas gravi mill-parteċipazzjoni ndividwali tal-ieħor, għaliex il-konsegwenza finali, fejn numru ndefinit ta' kopji tal-filmat meħud minn wara dahar l-attriċi spiċċaw jiġru fl-idejn, <u>seħħet proprju bil-parteċipazzjoni doluża ta' kull wieħed minnhom.</u>

46. Għalhekk dan l-aggravju huwa infondat.

**(3) <u>Responsabbilta` solidali u interruzzjoni tal-preskrizzjoni:</u>**

*L-ewwel aggravju ta' Derek Lee D'Amato, u t-tieni aggravju ta' John Martin*

47. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin rispettivament.

48. Kemm il-konvenut Derek Lee D'Amato fl-ewwel aggravju tiegħu, kif ukoll il-konvenut John Martin fit-tieni aggravju tiegħu, argumentaw fis-sens li ladarba l-ewwel Qorti qieset li tissussisti s-solidarjeta` bejn il-konvenuti u l-kjamati fil-kawża, allura l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' wieħed (jew aktar) kellha tinterrompi wkoll dik fir-rigward tal-oħrajn.

49. Il-konvenut Derek Lee D'Amato f'dan ir-rigward isostni li l-Artikolu 1049(1)[1] għandu jitqies flimkien mal-Artikolu 1092(1)[2] tal-Kodici Ċivili u jargumenta li bħalma tinkiser il-preskrizzjoni għall-kredituri, tinkiser ukoll għad-debituri bħalma huma l-kjamati fil-kawża odjerna. Iżid jgħid li anke jekk tali artikoli ma jitqisux bħala li jimxu flimkien, xorta jibqa' l-fatt li ladarba hemm is-solidarjeta` bejn persuni li wettqu r-reat, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ta' wieħed minnhom hija biżżejjed biex tinterrompi l-

[1] **<u>Art 1049(1)</u>** "*Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija in solidum*."
[2] **<u>Art. 1092(1)</u>** "*Kull att li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed mill-kredituri in solidum, jiswa xorta waħda għall-kredituri l-oħra.*"

preskrizzjoni għall-ko-awturi jew kompliċi fir-reat. Il-konvenut John Martin ukoll f'dan ir-rigward jirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Busuttil v. Avv Dr John Mamo** noe (06.10.1999)[3] fejn ġie nsenjat li huwa massima ta' dritt li l-effett tal-preskrizzjoni ma jgħaddix minn persuna għall-oħra, u li

> "*Japplika allura bħala regola – bi ftit eċċezzjonijiet bħal fejn hemm solidarjeta` bejn debituri jew fejn l-obbligazzjoni tkun indiviżibbli – il-preżunzjoni tad-dritt Ruman 'da persona ad personam non fit interruptio civilis."*

50. Fil-fatt l-argument tal-konvenuti huwa fondat, għaliex l-Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili (li nċidentalment ħadd minnhom ma rrefera għalih) jipprovdi b'mod ċar illi:

> *"L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri in solidum, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għall-wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom."*

51. Għaldaqstant ladarba l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża huma kollha responsabbli *in solidum* għad-danni sofferti mill-attriċi, u allura huma debituri *in solidum* tagħha, isegwi li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-konvenuti tikser ukoll il-preskrizzjoni għall-kjamati fil-kawża.

52. Isegwi għalhekk li dan l-aggravju huwa fondat.

**(4) <u>Kontribuzzjoni tal-attriċi:</u>**

*It-tielet aggravju ta' Derek Lee D'Amato*

[3] Alfabett tal-Kodiċi Ċivili P-R, p.182

53. Fit-tielet aggravju tiegħu Derek Lee D'Amato jargumenta li l-attriċi kienet marret minn jeddha mal-konvenut John Martin fis-sit in kwistjoni, li ma kellha "l-ebda inibizzjoni" biex ikollha x'taqsam sesswalment miegħu, u li ma kinitx ġdida għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet. Isostni wkoll li l-attriċi fl-ebda punt ma ġabet prova li ma kinitx taf li qed jittieħed filmat ta' dak li kien qed iseħħ.

54. Kwantu għall-argument tiegħu li l-attriċi ma kellha "l-ebda inibizzjoni" biex ikollha x'taqsam ma' John Martin sesswalment, dan huwa għal kollox irrilevanti għall-vertenza in kwistjoni. Kwantu għat-teżi tiegħu li l-attriċi ma ġabet l-ebda prova li ma kinitx taf li kien qed jittieħed il-filmat, dan assolutament mhuwiex minnu għaliex, apparti li jirriżulta li Jurgen Debattista kien "moħbi" fil-garaxx waqt li kien qed jiġbed il-filmat, anke l-Ispettur Louise Calleja, li rat il-filmat, xehdet li kien evidenti mill-filmat stess li l-attriċi ma kinitx taf li kienet qegħda tiġi ffilmjata.

55. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa bla bażi.

**(5) <u>Danni morali</u>**

*Ir-raba aggravju ta' Derek Lee D'Amato*

56. L-ewwel Qorti qieset l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens li mhux

possibbli l-attriċi titlob kumens għal danni morali/psikoloġiċi. Qieset l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib: Kap. 9.*
>
> *Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent."*

57. L-ewwel Qorti għamlet referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut D'Amato fejn jargumenta li d-dispożizzjonijiet dwar danni morali fl-Artikolu 1045(1) daħlu fis-seħħ <u>wara</u> l-kummissjoni tar-reat li ta lok għal din il-kawża. Hija fil-fatt qablet li l-imsemmi artikolu (senjatament il-*proviso)* ġie promulgat wara li seħħ l-inċident in kwistjoni (fl-2018) u li m'għandux effett retroattiv, dan apparti li r-reat irid ikun wieħed kontra l-persuna u soġġett għal mill-inqas tliet snin priġunerija. Madanakollu anke fid-dawl ta' ġurisprudenza estensiva ċitata minnha aċċennat għall-fatt li l-ħsara psikoloġika meta twassal għal tnaqqis mill-potenzjal sħiħ ta' persuna li timmassimizza l-qligħ futur tagħha hija fil-fatt ħsara reali u mhux morali. Għalhekk qieset id-danni sofferti mill-attriċi bħala effettivament danni patrimonjali.

58. Il-konvenut D'Amato ħassu aggravat b'tali konklużjoni. Jaċċenna għall-fatt li fil-*proviso* tal-Artikolu 1045(1) il-leġislatur isemmi speċifikatament id-danni li jiġu minn ħsarat morali u/jew psikoloġiċi. Jgħid li l-kelma "ħsara psikoloġika" kif jifhem hu, iddaħħlet proprju għaliex kien b'mod ġenerali maqbul, sa dakinhar, li d-danni la setgħu jinkludu danni morali u lanqas psikoloġiċi. Jgħid li l-fatt li ma kinux imdaħħla qabel l-2018 ifisser per konsegwenza li dakinhar tal-għemil in kwistjoni, dawn it-tip ta' danni kienu għadhom mhux riżarċibbli.

59. Din il-Qorti ma tarax li għandu raġun. L-ewwel Qorti għamlitha ċara li d-danni reklamati mill-attriċi fil-fatt kienu danni fis-sens ta' telf materjali. Kif wieġbet l-attriċi stess fir-risposta tal-appell tagħha għal dan l-aggravju ta' D'Amato, l-Artikolu 1045(1) jinkludi ħsara għal "telf effettiv". Hija tenfasizza (kif anke jirriżulta mix-xhieda tagħha) kif l-inċident kellu mpatt qawwi fuq il-benessere tagħha, fejn lanqas setgħet tiffunzjona bħala persuna normali. Tenfasizza li ħassitha ferm umiljata u li għamlet żmien twil ma toħroġx mid-dar, u li s-sitwazzjoni tant iggravat li kellha tirrikorri għal kura psikjatrika u psikoloġika minħabba t-trawma li għaddiet minnha. Taċċenna wkoll għall-fatt li l-kollegi tagħha saru jafu bil-filmat u li l-imgħallem tagħha tterminalha l-impjieg bla ma taha spjegazzjoni. Iżżid tgħid li l-qrati tagħna minn dejjem ikkunsidraw il-menomazzjoni kemm fiżika u kemm psikoloġika bħala waħda li tista' taffetwa l-kapaċita`

lavorattiva (u allura l-potenzjal tal-qligħ). F'dan ir-rigward tiċċita mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Louis Borg Falzon v. Korporazzjoni Enemalta,** senjatament:

> "*Rigward id-debilita` psikika hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li d-debilita psikika hija daqstant reali bhal dik li taffettwa fizikament il-gisem. Dwar dan, il-Qorti tal-Appell fil-kaz "**Peter Sultana -v- Anthony Abela Caruana** - (dec. fil-15 ta' Jannar 2002) osservat hekk:*
>
> > *"Fi kliem iehor, ukoll jekk is-sintomi tal-attur ghandhom aktar mill-"psikologiku" milli mill-"organiku", xorta huma sintomi li tassew ihallu effett fuqu, fuq is-setghat tieghu, fuq il-mod kif ihares lejh innifsu u, ghalhekk, fuq il-kapacità tieghu li jahdem u li jimxi 'l quddiem fix-xoghol tieghu. Ihallu, ghalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f'din il-kawza: is-setgha tieghu li jaqla' l-flus. Dawn is-sintomi nholqu minhabba l-incident, u ghalhekk kien l-incident il-kawza diretta tat-telf li qed igarrab l-attur."*

60. Fid-dawl ta' dan kollu dan l-aggravju jirriżulta nfondat.

**(6) <u>Kwantum tad-danni:</u>**

*L-aggravju tal-attriċi Joanna Hili*

61. Għal dak li jirrigwarda l-kwantum tad-danni, l-ewwel Qorti rat li l-attriċi kienet ġiet eżaminata fl-2011 mill-ewwel perit mediku (Dr Peter Muscat) fejn fir-rapport relattiv tiegħu (ippreżentat fis-17.11.2011) kkonkluda li r-rata ta' diżabilita` psikoloġika u psikika tal-attriċi kienet ta' **<u>30%</u>**. Rat ukoll li l-periti perizjuri eżaminawha fl-2019 u fir-rapport relattiv tagħhom (ippreżentat fit-12.02.2020) ikkonkludew li r-rata ta' diżabilita` tagħha kienet ta' **<u>6%</u>**. Hija qieset li d-differenza fil-persentaġġi tista' tiġi verosimilment spjegata għall-fatt li b'xorti tajba l-attriċi rnexxielha tegħleb

ħafna mit-trawma kerha li għaddiet minnha, tant li bniet relazzjoni stabbli ma' persuna oħra u anke kellha tarbija minnha, kif ukoll għandha mpjieg regolari. Għalhekk hija llikwidat id-danni abbażi tar-rata ta' 6%.

62. L-attriċi fl-appell inċidentali tagħha tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti addottat ir-rapport tal-periti perizjuri u skartat dak tal-ewwel perit mediku. Issostni li l-ewwel perit mediku, b'differenza mill-periti perizjuri, għamel analiżi ferm iktar profonda u eżawrenti tal-qagħda mentali u psikoloġika tagħha. Tgħid li huma lanqas biss taw raġunijiet għaliex ma qablux mal-fehma tal-ewwel perit mediku u li taw tweġibiet xotti għad-domandi li sarulhom in eskussjoni.

63. Din il-Qorti eżaminat iż-żewġ rapporti kif ukoll l-eskussjonijiet relattivi tal-periti.

**(a) <u>Ir-rapport ta' Dr Peter Muscat, konsulent psikjatra (17.11.2011) :</u>**

64. Il-perit mediku Dr Muscat fir-rapport tiegħu spjega hekk l-effetti li l-inċident tal-filmat kellu fuq l-attriċi:

> *"She then became very depressed. She stayed indoors as she could not face people. She developed sensitive ideas of referenza as she started to believe that people in the street were talking about her and mocking her. This paranoia persists even to his day. She still feels embarrassed as she never knows who might see the DVD and recognize her. She never goes out alone as she feels afraid. She only*

*goes out with her mother or family for errands. She does not even go out with her partner of her son alone.*

*The trauma of her experience still haunts her as it also impinges on her intimate relations with her current partner. She cannot get it out of her mind. Consequently she feels very depressed and feels that the experience has broken her and her family. She ruminates about the case all the time.*

*She often ends up crying on her own. She frequently loses her appetitie and weight and has disturbed sleep with nightmares. She also complains of decreased concentration and consequent memory difficulties.*

*She cannot see a positive future as she believes that wherever she goes people will recognise her and will never take her seriously. She is full of shame, guilt and persistent embarrassment. She feels that she is useless and worthless, and that on one will ever take her seriously. She has also developed a gross mistrust of people as she cannot know who and who not to trust.*

*She spends most of her time at home, hardly doing anything as she feels demotivated. She need help to look after her son as any extra stress makes her feel much worse.*

*She feels that she has become a different person with a very negative attitude towards life. This cannot be shifted even with all the support from her family and partner and in spite of all the psychiatric and psychological help that she has received.*

*Because of her depressive symptoms she initially had to seek psychiatric help from Dr Joe Cassar but over the past years from Psychiatrist Dr Anthony Dimech. She has also received Psychotherapeutic help from Psychologist Dott. Dorothy Scicluna.*

*She is currently on the antidepressant Paxetin 20-40 mg daily and the antipsychotic Risperdal 2mg daily.*

*DIAGNOSIS*

*She fulfills the criteria both on ICD 10 and DSM IV for:*

1. *Post Traumatic Stress Disorder*
2. *Chronic severe reactive Depression.*

*She scores 45 on the Global Assessment of Functioning Scale*

*CONCLUSION*

*Her psychological and psychiatric disability is estimated to be 30%."*

65. Huwa rrisponda għad-diversi domandi li sarulu in eskussjoni. *Inter alia* spjega li meta rrakkontatlu l-istorja tagħha dan għamlitu b'emozzjoni u mhux b'distakk. Qal li kienet "*anxious, distressed, crying and very upset.*" Qal ukoll li PTSD hija "*very difficult to treat*" għalkemm xi pazjenti *"improve in time."*

**(b) <u>Ir-rapport tal-periti perizjuri Dr John Mifsud, Dr Joseph Spiteri, u Dr Joseph Vella Baldacchino, konsulenti psikjatri (12.02.2020):</u>**

66. Il-periti perizjuri fir-rapport tagħhom spjegaw hekk l-effetti li l-inċident kellu fuq l-attriċi:

> *"…. Ħasset diżunur, u ma kinitx toħroġ mid-dar għal xi tliet snin.*
>
> *Bdiet tara l-psikjatra Dr Joe Cassar. Dan ordnalha Paroxetine u Risperidone.*
>
> *Wara rat ukoll psikjatra ieħor Dr Anthony Dimech, u kienet tarah kull xahrejn xejn erba' xhur.*
>
> *Kienet tara wkoll il-counsellor Dorothy Scicluna.*
>
> *Minn xi tliet snin 'l hawn Joanna hi impjegata bħala cleaner mal-Bad Boys Cleaners u tmur tajjeb mal-kollegi tagħha.*
>
> *Tqum kuljum fis-6.30am biex tmur ix-xogħol u torqod madwar il-11pm.*
>
> *Tieħu madwar 12-il ġurnata sick leave f'sena. Qatt ma kellhx xi warnings fuq ix-xogħol.*
>
> *Tgħid li qegħda f'relazzjoni ma' Stephen Falzon u li miegħu sejra tajjeb. Ilha miegħu xi 10 snin. Tgħid li l-partner jaf x'ġara, aċċetta kollox u jissapportjaha.*
>
> *Flimkien ma' Stephen għandha tifel, *******, ta' 8 snin, li jmur l-iskola regolarment. Tieħu ħsieb it-tifel tajjeb.*

*L-aptit, l-irqad u l-menstruwazzjoni huma normali. Kapaċi tieħu ħsieb l-iġene personali.*
*Hi torqod mal-ġenituri tagħha, pero` toħroġ ma' Stephen kull nhar ta' Sibt.*

*Tmur għal mixjiet, kemm mal-partner, mal-partner u mat-tifel, pero` mhux waħedha.*

*Anke biex tmur timxi, tieħu t-tifel magħha.*

*Tgħid li tibża' li tiġi segwita (tkun followed).*

*Ir-relazzjonijiet sesswali tagħha huma kompletament normali.*

*Tgħid li jiġuha memorji ta' li ġralha, daqqa darba fil-ġimgħa u daqqa darba f'xahar.*

*Tgħid li tħossha tajjeb u bħala kura tiegħu Fluoxetine 20mg, 2-1-0, u Fluaxol 0.5mg, 1-0-1.*

*Marija Hili, omm Joanna tgħid li għall-ewwel 3 snin wara l-inċident tad-DVD kienet tħossha mhix tajjeb pero` issa tħossha tajjeb. Tgħid ukoll li kapaċi tieħu ħsieb it-tifel tajjeb.*

*Iżżid tgħid li, li jdejjaq lil Joanna hu li tħoss li n-nies qed iħarsu lejha.*

*Tgħid li ma tmur imkien waħedha. Dejjem tkun trid lil missierha magħha. Lanqas għax-xogħol ma tmur waħedha.*

***Dijanjosi u konklużjoni***

*Fl-eżami tagħna, sibna li Joanna Hili tbati minn Social Anxiety Disorder, liema kundizzjoni ġiet ikkaġunata mit-trawma li għaddiet minnha bl-inċident tad-DVDs.*

*Nikkonkludu illi Joanna Hili għandha diżabilita` permanenti kkawżata minn din l-imsemmija kundizzjoni u liema diżabilita` nistmaw li hi ta' sitta fil-mija (6%).”*

67. Huma wieġbu għad-domandi li saruhom mill-attriċi in eskussjoni. *Inter alia* qalu li ma kkonstatawx li kellha kundizzjoni ta' *paranoia* jew dipressjoni. Għad-domanda “*Tikkonfermaw li Joanna Hili illum ‘tħossha tajjeb' grazzi għall-mediċini u mhux għax fieqet*?” wieġbu li wieħed ma jistax jasal għal tali konklużjoni. Mitluba jispjegaw kif waslu għar-rata ta'

diżabilita` ta' 6% wieġbu li wżaw il-kriterji stabbiliti fl-"*Abbozz tal-Emendi fuq il-liġi tad-Danni Ċivili*" u l-ġudizzju kliniku tagħhom.

68. Kuntrarjament għal dak li tgħid l-attriċi fl-appell inċidentali tagħha, mhux minnu li r-rapport tal-periti perizjuri huwa inqas eżawrijenti minn dak tal-ewwel perit. Kemm l-ewwel perit mediku kif ukoll il-periti perizjuri kkunsidraw fid-dettall l-istat mentali u emozzjonali tagħha fl-isfond tal-inċident trawmatiku li seħħ fl-2006, kif ukoll tal-kura li kienet qegħda tieħu u taċ-ċirkostanzi tagħha fiż-żmien tal-eżami. Kif osservat l-ewwel Qorti d-differenza fir-rati ta' diżabilita` hija faċilment spjegabbli meta wieħed iqis li l-ewwel perit eżamina lill-attriċi ħames snin wara li seħħ l-inċident (2006-2011) filwaqt li l-periti perizjuri eżaminawha tlettax-il sena wara (2006-2019) meta t-trawma tal-inċident kienet battiet, tant li fiż-żmien meta ġiet eżaminata mill-periti perizjuri kienet ilha tliet snin impjegata.

69. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti assolutament ma ssib xejn ċensurabbli fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li taddotta r-rata ta' diżabilita` ta' 6% kif stabbilita` mill-periti perizjuri.

70. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-attriċi jirriżulta bla bażi.

**(7) <u>L-eċċezzjonijiet rimanenti tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Martin Lee:</u>**

71. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aħħar aggravju (ċioe` t-tielet

aggravju ta' John Martin dwar l-ispejjeż tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Martin Lee) din il-Qorti jidhrilha li għandha qabel xejn tikkunsidra l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-istess kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin. (Ovvjament ladarba l-ewwel Qorti laqgħet eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn kull wieħed minnhom – cioe` it-tieni eċċezzjoni fil-każ ta' Debattista, u t-tielet eċċezzjoni fil-każ ta' Lee Martin - ma kkunsidratx l-eċċezzjonijiet l-oħra tagħhom, u għalhekk dan l-eżerċizzju issa jinkombi fuq din il-Qorti).

72. Kwantu għal Jurgen Debattista, l-ewwel eċċezzjoni li m'għandux relazzjoni ġuridika mal-attriċi u li għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur diġa` ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti. It-tielet eċċezzjoni tiegħu li d-danni huma ta' xorta morali u li għalihom il-liġi ma tipprovdix riżarċiment hija nfondata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fir-rigward tar-raba' aggravju tal-konvenut Derek Lee D'Amato. Ir-raba' eċċezzjoni fis-sens li mhux responsabbli għad-danni hija wkoll infondata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fir-rigward tal-ħames aggravju tal-konvenut Derek Lee D'Amato u l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-konvenut John Martin. Għalhekk jiġi li l-eċċezzjonijiet kollha tal-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista huma fil-fatt infondati.

73. Kwantu għall-kjamat fil-kawża Martin Lee, fl-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tiegħu jgħid li l-attriċi kellha tindika fuq liema artikolu tal-liġi

qed tibbaża l-kawża tagħha, u tindika d-data ta' meta seħħ l-inċident allegat minnha. Huwa evidenti mir-rikors ġuramentat stess li din hija kawża għad-danni taħt l-Artikolu 1045 anke jekk tali artikolu ma ġiex ċitat mill-attriċi. Kwantu għad-data, jirriżulta li l-fatti li taw lok għall-kwistjoni seħħew fuq perjodu qasir ta' żmien lejn l-aħħar tas-sena 2006; il-konvenuti u l-kjamati fil-kawża rrilaxxjaw l-ammissjonijiet tagħhom f'Novembru 2006 u l-akkużi, kif jirriżultaw mis-sentenzi rispettivi, jirreferu għas-"*sena 2006*". Dan għandu jibbasta. Kwantu għar-raba' eċċezzjoni li mhux il-leġittimu kontradittur, din hija nfondata għall-istess raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni ta' Jurgen Debattista. Il-ħames eċċezzjoni fis-sens li t-talbiet fil-konfront tiegħu huma nfondati, u s-sitt eċċezzjoni li mhux responsabbli għad-danni huma wkoll infondati fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li diġa` għamlet din il-Qorti fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbilta`. Is-seba' eċċezzjoni li qatt ma kellu relazzjonijiet intimi mal-attriċi u li qatt ma kkawża danni lilha huma daqstant ieħor infondati, għaliex bl-aġir tiegħu jirriżulta li kien komparteċipi għad-danni li fil-fatt sofriet l-attriċi. Isegwi li daqstant ieħor hija nfondata t-tmien eċċezzjoni fejn jgħid li m'għandux ibati spejjeż. Għalhekk jiġi li l-eċċezzjonijiet kollha tal-kjamat fil-kawża Lee Martin huma nfondati wkoll.

**(8) Spejjeż ġudizzjarji:**

*It-tielet aggravju ta' John Martin*

74. Fit-tielet aggravju tiegħu l-konvenut John Martin jilmenta bil-fatt li hu, il-konvenut l-ieħor Derek Lee D'Amato u l-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma ġew ikkundannati jħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji kollha nkorsi mill-attriċi, inkluż dawk tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin. Ladarba din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq esposti minnha, qed issib li l-azzjoni mhix preskritta fil-konfront tal-imsemmija kjamati fil-kawża, u ladarba qed issib ukoll li l-eċċezzjonijiet tagħhom huma nfondati, u li huma fil-fatt għandhom jitqiesu responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi, isegwi li l-istess Jurgen Debattista u Lee Martin għandhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji flimkien mal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż ta' Emanuel Theuma li għandu jbatihom Derek Lee D'Amato ladarba l-istess Theuma nħeles mill-ħarsien tal-gudizzju u ladarba kien issejjaħ fil-kawża mill-istess D'Amato.

**DECIDE:**

75. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda:

(i) **Tilqa' limitatament l-appell prinċipali tal-konvenut Derek Lee D'Amato** in kwantu jsostni li l-kawża mhix preskritta fil-konfront tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin, u tiċħdu fil-kumplament;

(ii) **Tiċħad l-appell inċidentali tal-attriċi Joanna Hili;**

(iii) **Tilqa' limitatament l-appell inċidentali tal-konvenut John Martin** in kwantu jsostni li l-kawża mhix preskritta fil-konfront tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin, u in kwantu jgħid li hu, il-konvenut John Martin u l-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma ma kellhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin, u tiċħdu fil-kumplament;

(iv) Konsegwentement:

(a) Tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati minn Jurgen Debattista u Lee Martin, u minflok, qegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati minnhom; qegħda wkoll tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tagħhom kollha u qegħda tiddikjarahom responsabbli *in solidum* mal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato għall-ħsara sofferta mill-attriċi;

(b) Tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu sabet lill-

kjamat fil-kawża Emanuel Theuma responsabbli flimkien mal-konvenuti Derek Lee D'Amato u John Martin, u invece (għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tar-rikors tiegħu tat-18 ta' Jannar 2022) qegħda tillibera lil Emanuel Theuma mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż għall-appellant Derek Lee D'Amato;

(c) Tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu ordnat li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenuti Derek Lee D'Amato u John Martin u mill-kjamat fil-kawża Emanuel Theuma, u invece qegħda tiddikjara li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenut Derek Lee D'Amato, mill-konvenut John Martin, mill-kjamat fil-kawża Jurgen Debattista u mill-kjamat fil-kawża Lee Martin;

(d) Tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti fil-kumplament.

76. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kif isegwi:

(i) <u>L-ispejjeż tal-appell prinċipali tal-konvenut Derek Lee D'Amato</u> għandhom jitħallsu għal erbgħa minn ħamsa (4/5) mill-istess Derek Lee D'Amato u wieħed minn ħamsa (1/5)

mill-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin.

(ii) L-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-attriċi Joanna Hili għandhom jitħallsu mill-istess attriċi.

(iii) L-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-konvenut John Martin għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejnu u bejn il-kjamati fil-kawża Jurgen Debattista u Lee Martin.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr